**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 3 ta' Gunju 2002**

**Numru 20**

**Avviz numru 1830/01**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurace plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Alfred Xuereb u l-istess Alfred Xuereb**

**vs**

**Jason Spiteri**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm271.76 (mitejn u wiehed u sebghin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu) u danni in kwantu ghas-somma ta' Lm246.76 lis-socjeta' attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' Lm25.00 lill-attur Alfred Xuereb rappresentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-

numru BBA 806 fit-23 ta‘ April 2001 gewwa l-Belt, Valletta habat mal-vettura numru JES 269 propjeta tal-attur Alfred Xuereb u ikkaguna danni f'din l-istess vettura.  Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli il-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' ittra ufficjali datata 7 ta' Settembru 2001 kontra l-konvenut u bl-imghax kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' lil  Jesmond Spiteri u ra d-dokumenti relattivi;

Sema' li l-ammont ghadu dovut minn Dr Louis Bianchi;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm271.76 (mitejn u wiehed u sebghin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu) danni konsegwiti fil-kollizzjoni de quo. Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**